# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

### Illum il-Ħamis, 19 ta' Novembru 2015

**Kawża Nru: 1**

**Rikors Ġuramentat Nru: 55 / 07 JA**

**A B**

**-vs-**

**C B**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta' Frar 2007 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-28 ta' Ottubru 1989.

Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tlett ulied, u ċjoe' D ta' 14-il sena, E ta' 12-il sena u F ta' 9 snin;

Illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irremedjabbilment minħabba eċċessi, sevizzi, adulterju, vjolenza fiżika u morali, theddid u

nġurji gravi da parti tal-intimata fil-konfront tal-attur, u wkoll minħabba inkompatibilita' ta' karattru;

Illi l-partijiet fetħu medjazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti liema medjazzjoni ngħalqet mingħajr l-ebda eżitu;

Illi fil-preżent il-partijiet flimkien ma' wliedhom qed jabitaw fid-dar matrimonjali liema fond huwa proprjeta' parafernali tar-rikorrenti;

Illi m'hemmx possibbilta' ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi B u dan għar-raġunijiet imputabbli lill-intimata C B;

2. Tafda l-kura u kustodja tat-tlett ulied D, E u F kollha minorenni f'idejn ir-rikorrent;

3. F'każ li t-tieni talba ma tkunx milqgħuha, tifissa aċċess għar-rikorrent sabiex ikun jista' jara lil uliedu minuri;

4. Tiddikjara li l-intimata ddekadiet mid-dritt ta' manteniment għal raġunijiet suffiċjenti fil-liġi kif se jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tillikwida u taqsamha f'żewġ porzjonijiet b'mod li jkunu komminati kontra l-intimata d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

6. Tawtorizza lir-rikorrent u lil uliedu lkoll minorenni ad esklużjoni tal-intimata li jibqa' jgħix fid-dar matrimonjali li hija parafernali tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta ppreżentata fis-7 ta' Mejju 2007, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi huwa minnu illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment, iżda dan seħħ unikament u esklussivament b'tort u ħtija tal-attur minħabba adulterju u anke minħabba moħqrija, theddid u offiżi gravi fil-konfront kemm tagħha u anke tal-ulied D ta' erbatax, E ta' tnax u F ta' disa'snin u għalhekk l-ewwel talba kif dedotta għandha tiġi miċħuda.

2. Illi t-tieni talba dwar kura u kustodja tat-tfal pretiża mill-attur, ukoll għandha tiġi miċħuda billi huwa mhuwiex kapaċi għal dan l-impenn, filwaqt li min-naħa l-oħra huwa fl-aħjar interess u anke skond ix-xewqat tal-istess tfal li din il-kura u kustodja tiġi fdata f'idejn il-konvenuta.

3. Illi taqbel pero' li l-attur ikollu l-aċċess minnu mitlub fit-tielet talba, b'dana illi jiġi ffissat primarjament skond l-esiġenzi tat-tfal.

4. Illi kwantu għar-raba' talba dwar li l-konvenuta għandha tiddekadi mill-manteniment, din ukoll għandha tiġi miċħuda *stante* illi kif ġja' eċċepit it-tort u l-kaġun tas-separazzjoni mitluba huwa tal-attur stess li għandu ikun hu li jiddekadi minn dan id-dritt, u *inoltre* minn mindu żżewġu hija ma ħadmitx u xogħolha kien u għadu dak ta' mara tad-dar, li dejjem kienet u għadha esklussivament dipendenti fuq l-attur għall-għixien tagħha u tal-ulied.

5. Illi kwantu għall-ħames talba, filwaqt li taqbel li tiġi ddikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tiġi likwidata u maqsuma f'żewġ porzjonijiet anke permezz ta' periti

nominandi, għandha tiġi miċħuda t-talba li jiġu komminati kontra l-konvenuta d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, billi l-ħtija tal-firda mitluba hija tal-attur u mhux tal-konvenuta.

6. Illi kwantu għas-sitt talba, *stante* li t-tort tal-firda huwa tal-attur, u li l-kura u kustodja tal-minorenni wlied għandha tiġi fdata f'idejn il-konvenuta fl-interess primarju tagħhom u li l-istess interess jesiġi li t-tfal jibqgħu jgħixu fl-istess dar matrimonjali numru ________________________ *(omissis)*, fejn dejjem għexu minn twelidhom, it-talba kif dedotta għall-iżgumbrament tal-konvenuta għandha tiġi miċħuda u jkun l-istess attur li jiġi ordnat jivvaka l-abitazzjoni.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjeż kontra l-attur, inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li permezz tagħha ppremettiet:

Illi hija qegħda tipprevalixxi ruħha mill-atti tar-rikors ġuramentat tal-attur sabiex tressaq il-kontro-talba tagħha skond il-liġi;

Illi l-partijiet iżżewġu fit-28 ta' Ottubru 1989 u minn dan iż-żwieġ għandhom tliet it-tfal D ta' erbatax, E ta' tnax u F ta' disa' snin;

Illi ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment b'tort u ħtija tal-attur minħabba adulterju, u moħqrija, theddid u offiżi gravi kommessi mill-attur fil-konfront tagħha u anke tal-ulied;

Illi xogħolha huwa ta' mara tad-dar u minn mindu żżewġet qatt ma ħadmet bi qliegħ jew għal rasha u kienet dejjem assolutament u esklussivament dipendenti fuq l-attur għall-flus kemm għall-għixien tagħha u tal-familja;

Illi l-attur jaħdem għal rasu bid-dħul adegwat għall-ħtiġijiet tal-familja u preżentement b'digriet numru ____/__ *(omissis)* (anness Dok 'MM'), huwa obbligat li f'dan l-istadju *"iħallas retta alimentarja ta' Lm70 (sebgħin lira Maltin) għar-rikorrenti u Lm150 (mija u ħamsin lira Maltin) għat-tlett uliedu kull erba' ġimgħat u jħallas għas-servizzi tad-dawl u ilma, filwaqt li l-kont tat-telefon jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet";*

Illi filwaqt li d-dar matrimonjali ________________________ *(omissis)*, inbniet kwantu għall-ħitan u diviżorji tal-ewwel sular a spejjeż tal-attur qabel iż-żwieġ fuq plot ________________________ *(omissis)*, li kien ġie allokat lill-attur qabel iż-żwieġ, għad irid jiġi formalment aċċertat *tramite* x-xiehda tad-Dipartimenti u awtoritajiet kompetenti jekk il-konvenuta akkwistatx ukoll drittijiet ta' komproprjeta' *o meno;*

Illi *inoltre* fl-għerusija hi kkontribwiet ugwalment fi flus biex jitlesta t-tieni sular u saqaf tad-dar u diversi xogħlijiet fuq ġewwa, bil-kumplament jitlesta fiż-żwieġ;

Illi filwaqt li l-attur jirrinkaża ruħu wara d-disgħa ta' fil-għaxija, il-konvenuta u partikularment l-ulied huma ppustjati sew fid-dar matrimonjali u huwa fl-interess primarju tal-ulied li jibqgħu jgħixu fl-imsemmija dar mal-konvenuta ommhom.

Jgħid għalhekk l-attur, għaliex din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi m'għandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dana unikament minħabba tortijiet u ħtija attribwibbli lill-attur.

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-ulied ilkoll minuri D, E u F, tiġi fdata f'idejn il-konvenuta u tiffissa ż-żmien, il-lok u l-mod li fihom l-attur ikun jista' jara lit-tfal.

3. Tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenuta għaliha u għat-tliet ulied, manteniment li jiġi stabilit minn din il-Qorti, bil-modalita' ta' ħin, lok u ġurnata li tiġi wkoll stabbilita.

4. Tapplika kontra l-attur it-telfien tal-jedd li jirċievi manteniment mingħand il-konvenuta u tal-jedd ta' suċċessjoni.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha u taqsamha b'mod illi tapplika kontra l-attur l-artikolu 48:1c u 48:2 tal-Kodici Ċivili.

6. Tordna illi l-attur jivvaka d-dar taż-żwieġ ________________________ *(omissis)*, f'perjodu qasir u perentorju, u li l-istess dar tibqa' abitata mill-konvenuta flimkien mal-ulied.

7. Mingħajr preġudizzju, f'każ li s-sitt talba ma tintlaqax, tiddikjara jekk id-dar matrimonjali, hijiex parafernali tal-attur jew in komproprjeta' bejn il-partijiet qabel iż-żwieġ u (a) f'każ tal-ewwel, tillikwida bil-mezz ta' perit jew periti nominandi, l-ammont ta' kreditu dovut lill-konvenuta mill-attur, skond valuri kurrenti, għall-ispejjeż li hija kkontribwiet għat-tkomplija tal-bini u xogħlijiet kollha li saru fid-dar qabel iż-żwieġ u tordna lill-attur iħallasha l-ammont hekk likwidat, u (b) f'każ tat-tieni, tordna l-ħall tal-komunjoni tal-imsemmija dar, bl-applikazzjoni tat-Titolu V tal-Kodiċi Ċivili.

8. Mingħajr preġudizzju, ukoll f'każ li s-sitt talba ma tintlaqax, tillikwida somma ulterjuri li tkun meħtieġa sabiex il-konvenuta takkwista abitazzjoni oħra adegwata u xierqa għall-ħtiġijiet tagħha u tal-ulied, u għal dan il-għan tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenuta d-differenza bejn tali somma hekk likwidata u kwalunkwe ammont li l-konvenuta tista' tirrikava taħt it-talba 7(a) jew 7(b) skond il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-attur, minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-attur rikonvenzjonat datata 17 ta' Mejju 2007 li permezz tagħha bil-ġurament ikkonferma:

Illi l-ewwel talba għandha tkun milqugħa billi pero' ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment tort tal-intimata C B kif se jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ;

Tiċħad it-tieni talba tal-kontro-talba, b'dan illi tafda l-kura u kustodja tal-minuri tfal f'idejn l-esponent;

Illi tiċħad it-tielet talba in kwantu għall-manteniment għal C B, u meta tiffissa l-manteniment ta' wliedu tieħu in kunsiderazzjoni d-dħul vera tiegħu;

Tiċħad ir-raba' u l-ħames talba *stante* li tort tat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet huwa dovut esklussivament lil C B;

Tiċħad is-sitt u s-seba' talba *stante* illi d-dar matrimonjali ___________________________ *(omissis)* hija proprjeta' parafernali tal-esponent;

Tiċħad it-tmien talba *stante* illi l-esponent ma jaħtix għat-tkissir taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Bl-ispejjeż kontra C B inġunta in subizzjoni;

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom dawk tagħhom stess;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Ġunju 2007 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottoressa Charmaine Cherrett bħala perit legali:

Sussegwentement rat il-verbali tas-seduti miżmuma u r-rapport tal-istess perit legali debitament maħluf;

Semgħet ix-xhieda dwar rikorsi preżentati fil-mori tal-kawża;

Semgħet il-minuri ***in camera***;

Rat id-diversi digrieti oħra tagħha fosthom dawk rigwardanti manteniment pagabbli mill-attur għall-minuri;

Rat il-verbal tat-23 t'Ottubru 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ngħad l-attur qed titlob is-separazzjoni mingħand martu l-konvenuta għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Saħansitra ġiet anke preżentata kontro-talba. Il-kawża naturalment kienet kontestata sew u l-Qorti setgħet tara li l-partijiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin.

**TORT**

Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ.

Illi l-**attur jgħid illi** *'ltaqa' mal-konvenuta martu, u wara tlett snin ta' għerusija, huma żżewġu. Huma żżewġu fit-28 ta' Ottubru 1989. L-attur jispjega li qabel iltaqa' ma' martu, huwa kien akkwista plot mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet, permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Marco Farrugia, liema kuntratt huwa datat 22 ta' Novembru 1984.*

*Fuq dan il-plot, l-attur kien beda jibni d-dar li sussegwentement saret id-dar matrimonjali, u ċjoe' ________________________ (omissis). L-attur jispjega li meta huwa kien iltaqa' ma' martu, huwa kellu diġa' l-ewwel sular kważi kollu lest. L-attur jispjega li fil-fatt kulma kien jonqsu l-ewwel sular, kien biss li jsaqqaf, u żewġ kolonni, sabiex ikompli jinbeda t-tieni sular.*

*L-attur jispjega ulterjorment li huwa, flimkien ma' missieru, u xi drabi anke ħutu, kienu jmorru jaħdmu fid-dar. Ix-xogħol li għamel l-attur u l-familjari tiegħu kien jikkonsisti fi tħaffir, bini u dak kollu li kien ikun hemm bżonn sabiex il-post ikun lest. L-attur jispjega wkoll li l-faċċata tad-dar kien qabbad bennej ħabib ta' missieru, u kien ħallsu Lm250 (mitejn u ħamsin lira Maltin) għal dan ix-xogħol. L-attur jispjega wkoll li missieru kien ħallaslu l-ġebel li kien intuża sabiex il-post beda jinbena. Rigward l-għajnuna mogħtija minn missieru, l-attur jispjega fl-affidavit tiegħu li din l-għajnuna kienet kemm għajnuna finanzjarja, kif ukoll bħala mana d'opera, peress li l-attur bl-għajnuna ta' missieru kien bena kemm l-ewwel sular kif ukoll it-tieni sular tad-dar.*

*L-attur jispjega li meta huwa kien qiegħed jibni l-ewwel sular, huwa ma kellux għaġġla, "peress li lima kellix ħsieb ta' żwieġ u bqajt nirranġa l-post minn buti u lestejt l-ewwel sular kompletament". (Referenza għal paragrafu '4' tal-affidavit tal-attur).*

*Madankollu, din is-sitwazzjoni ħadet xgħejra differenti hekk kif l-attur iltaqa' ma' martu, b'dan li f'dak iż-żmien, waqt li kien hemm kważi l-ewwel sular lest, għajr is-saqaf u ż-żewġ kolonni, l-attur kien ħa self mill-Lohombus sabiex ikompli jibni d-dar u jlestiha. L-attur fil-fatt jispjega li kien ħa dan is-self qabel iż-żwieġ fuq ismu biss mingħand il-Lohombus, kien iħallas il-pagamenti ta' dan is-self huwa waħdu qabel iż-żwieġ, u wara ż-żwieġ is-self baqa' jitħallas mill-paga li kien jaqla'. L-attur jispjega li fil-fatt, wara ż-żwieġ id-dar kienet lesta minn kollox, ħlief għat-taraġ u l-kamra tal-banju, li kienu swew Lm850 (tmien*

*mija u ħamsin lira Maltin) u madwar Lm1,000 (elf lira Maltin) rispettivament.*

*L-attur jispjega li huwa kien iħobb il-familja u lil martu kien iħobbha "l-aktar meta twieldu t-tfal" (Referenza għal paragrafu 1 tal-affidavit tal-attur). Jirriżulta li l-ewwel snin taż-żwieġ tal-konjuġi B kienu pjuttost diffiċli, peress li l-mara kienet għaddiet minn żewġ korrimenti, u dan qabel twieled it-tifel il-kbir D.*

*Il-ħajja familjari l-attur kien iħobbha, u huwa kien raġel li kien jaħdem ħinijiet twal għal familja. Fil-fatt l-attur jispjega li huwa kien joħroġ fil-għodu u jidħol lura bil-lejl mix-xogħol. Huwa kien jaħdem għal rasu bħala kaħħal u bajjad. Qabel kien jaħdem mal-Gvern, u kien telaq peress li kien ħa ħanut tal-grocer il-________ (omissis). Madankollu, wara xi snin, l-attur kien għalaq dan il-ħanut peress li ma kienx sejjer tajjeb u għalhekk neħħih u kif għalaq il-ħanut huwa kien rama' għal rasu bħala kaħħal u bajjad, liema xogħol l-attur jispjega li huwa għamel għal ħames snin sħaħ.*

*Minħabba l-esiġenzi tax-xogħol ta' kaħħal u bajjad, l-attur kellu jixtri vann Isuzu, biex jgħabbi l-għodda u l-materjal. L-attur daħal għal self mingħand il-bank HSBC sabiex jixtri l- Isuzu. L-attur jispjega wkoll li huwa kellu jidħol għal self ulterjuri mal-bank sabiex jixtri kċina ġdida, u dan minħabba li l-ewwel kcina li kellhom, kienet għarrqitha omm il-mara. L-attur jispjega li huwa kien jixtri diversi għodda għax-xogħol tiegħu, liema għodda sussegwentement kellu jbiegħ, peress li ma bediex ilaħħaq mal-pagamenti tas-self, u mal-pagamenti tal-manteniment dovuti lil martu u lil uliedu.*

*In vista li l-attur ma bediex ilaħħaq mal-pagamenti tas-self u peress li huwa kellu jbiegħ anke l-għodda tax-xogħol tiegħu, l-attur waqaf mix-xogħol u beda jirreġistra.*

*L-attur jispjega li l-problemi matrimonjali bdew kif martu rċeviet telefonata mingħand mara bl-isem ta' G H. Din G H kienet*

*persuna li l-attur kie ħadmilha fid-dar tagħha, u skond hu, din kellha 'kunfidenzi żejda'. G H kienet talbet lill-attur, wara li huwa kien lestielha x-xogħol fid-dar tagħha, sabiex l-attur jibqa' jmur id-dar tagħha. L-attur irrifjuta li jagħmel dan, u in segwitu għar-rifjut tiegħu, G H kienet ċemplet lil mart l-attur fejn qaltilha li r-raġel tagħha (l-attur) kellu relazzjoni sesswali magħha. Il-proċeduri ta' separazzjoni ġew ippreżentati wara din it-telefonata.*

*L-attur jispjega li G H kienet baqgħet tiffittah, u hu kien ser jirrikorri għand il-Pulizija sabiex hija ma tiffittahx aktar. Madankollu dan ma kienx meħtieġ għax hu kien wissiha u widdibha li kien ser iżommha responsabbli għal xi danni li huwa seta' jsofri* minħabba *l-aġir tagħha.*

*L-attur jispjega li martu kellha konoxxenza ta' G, peress li huwa u martu kienu marru d-dar tagħha għax kienu tħassruha lil G, peress li kellha d-dar vojta, u kienu anke tawha xi affarijiet għad-dar. L-attur jispjega li martu u G tkellmu kemm-il darba fuq it-telefon, u jispjega wkoll li kien hemm drabi fejn martu stess kienet iċċempel lil G, u dan kien jafu għax kienet G stess li nfurmatu b'dan, permezz ta' messaġġ.*

*Apparti l-problema li nqalgħat ta' G H, l-attur jispjega li problema fiż-żwieġ tiegħu kienet l-indħil ta' omm il-mara. Dan l-indħil kien mifrux fuq kollox, inkluż, għażla ta' għamara, fejn iridu jiġu l-aperturi, u anke rigward ħlasijiet ta' kontijiet. L-attur jispjega li martu hija mmexxija minn ommha, u dan l-indħil ikkontwibwixxa għal tkissir taż-żwieġ, Saħansitra l-attur jispjega li omm il-mara kienet anke tiftaħ il-posta personali tiegħu.*

*L-attur jispjega wkoll li martu kienet tonfoq bl-addoċċ, b'dan li jekk huwa kien jixtri xi biċċa għodda għax-xogħol tiegħu, martu kienet riedet tonfoq xi ħaġa għaliha, bħal eżempju safra.*

*L-attur jispjega wkoll li martu ma kienetx issajjarlu, u meta kien jirritorna lura d-dar tard wara ġurnata xogħol, hu ma kienx isib ikel.*

*L-attur jispjega wkoll li martu għandha idha ħafifa fil-konfront tat-tfal u kemm-il darba hija refgħet idejha fuqhom sabiex tiddixxiplinahom, xi ħaġa li l-attur ma jaqbilx magħha. Huwa jispjega wkoll li martu kontinwament tgħawwi lit-tfal kontrih, u li qed tużahom bħala arma sabiex jitkeċċa mid-dar."*

Illi min-naħa tagħha **l-konvenuta** *"taqbel ma' l-attur fuq il-fatt li huma kellhom żwieġ 'normali' b'dan li l-problemi ta' bejniethom bdew kif daħlet it-terza persuna, G H. Il-konvenuta tispjega li għalkemm hija kienet talbet lil żewġha sabiex jaqta' kompletament minn ma' din G H, huwa baqa' f'kuntatt magħha, u għalhekk sussegwentement għal dan, hija kienet bdiet il-proċeduri ta' separazzjoni.*

*Il-konvenuta tispjega li dan iż-zmien żewġha kien jagħmel xogħol għal rasu ta' kostruzzjoni u finishing, u hija qatt ma għaddielha xi suspett fil-konfront ta' żewġha. Fil-bidu tas-sena 2006, hija kienet taf li huwa kien qiegħed jagħmel xi xogħol għand waħda mara ____________ (omissis). Darba kienu ħarġu dawra bil-karozza u magħhom kien hemm ukoll it-tifel iż-żgħir F. Il-konvenuta tispjega li żewġha kien ħadhom ____________ (omissis), u kien waqaf quddiem ħanut tal-ħut li jinsab ix-xatt.*

*Ftit wara kienet ħarġet mara u l-attur kien introduċiha bħala G. Din G kienet rikbet fil-karozza magħhom, u saqu fejn blokk flats. Il-konvenuta flimkien ma' żewġha daħlu għand G u l-attur wera x-xogħol li kien għamel f'dan il-flat lill-konvenuta. Il-konvenuta tispjega li x-xogħol f'dan il-flat kien kompletament lest.*

*Waqt li kienu għand G, il-konvenuta tispjega kif l-attur deher li kellu kunfidenza żejda mal-post. Il-konvenuta tispjega wkoll li A kellu kundifenza anke ma' G, u għaliha, huwa kien qiegħed juri biċ-ċar li kien miġbud lejha.*

*Il-konvenuta tispjega li żewġha kien isemmi lil din G "u għalija, huwa kien juri interess partikulari fiha". Il-konvenuta tispjega wkoll li ma huwiex minnu li hija u żewġha kienu jagħtu xi oġġetti lil G, u l-unika okkażjoni fejn tawha xi ħaġa kien proprju meta l-konvenuta kellha tapit għar-rimi, u l-attur kien iddeċieda li minflok jintrema, dan jagħtuh lil G.*

*Il-konvenuta tgħid li mid-diskors li l-attur kien jgħid fuq G, hi qatt ma ħadet l-impressjoni li hija kienet qiegħda ddejqu, anzi li hu pjuttost kien interessat fiha.*

*Il-konvenuta tispjega li wara li l-attur kien lesta x-xogħol tiegħu għand G, huwa kien baqa' jmur għandha, anke fil-ħin tal-brejk, għax G kienet tlestilu l-ikel. Il-konvenuta tispjega li kien ir-raġel tagħha stess li kien jgħidilha li huwa kien ikun għand G.*

*Il-konvenuta tispjega wkoll li r-ragel tagħha kien anke jwassal lil G bil-karozza, sabiex hija tmur tfittex xogħol. Il-konvenuta tispjega wkoll li d-diskursati fuq it-telefon li kien ikollu l-attur ma' G kienu jkunu ta' natura personali, tant li darba minnhom il-konvenuta setgħet taqbad li d-diskursata kienet rigward check up fl-utru, u li hija (G) ma setax ikollha tfal. Il-konvenuta tispjega wkoll li t-telefonati bejn l-attur u G kienu jkunu spissi u twal. Il-konvenuta tispjega wkoll li l-attur kien beda joħroġ filgħaxija, u meta darba t-tifel D ċempel lil missieru għax kellu problema bil-computer, missieru wieġbu li kien fadallu, u ftit minuti wara kienet ċemplet G fuq il-mobile ta' D biex tgħinu fuq il-problema li kellu bil-computer.*

*Il-konvenuta tagħmel enfasi fl-affidavit tagħha fuq it-telefonata li hija rċeviet mingħand G, liema telefonata saret fit-30 ta' Marzu 2006. F'din it-telefonata, l-konvenuta tispjega li G qaltilha li hija u A kienu jinħabbu.*

*Il-konvenuta fil-fatt tispjega li s-sitwazzjoni fiż-żwieġ tagħhom iddeterjorat minn wara li hija rċeviet din it-telefonata. Il-*

*konvenuta tispjega li hija ffaċċjat lil żewġha wara li hija rċeviet din it-telefonata, u A weġibha li kien minnu. Il-konvenuta jirriżulta li baqgħet taħseb fuq din it-telefonata, u kienet saħansitra staqsiet lil attur, kif G kienet ġabet in-numru tal-mobile tal-konvenuta. L-attur jispjega li kien huwa stess li tah lil G. Il-konvenuta tispjega li żewġha baqa' għaddej bil-kuntatt ma' G anke wara li huwa kien lestielha x-xogħol tiegħu, u din l-affari kienet qiegħda ddejjaqha.*

*Il-konvenuta tispjega li hija avviċinat l-avukat tagħha f'April 2006, b'intendiment li hija ssalva ż-żwieġ, b'dan li żewġha jaqta' kull kuntatt ma' G. Madankollu, l-konvenuta tispjega li l-kuntatt bejn żewġha u G kien baqa' għaddej, u l-attur kien baqa joħroġ kuljum.*

*Il-konvenuta tispjega li żewġha kien moħħu fil-pornografija, u tgħid ukoll li tant kien jintilef li xi drabi kien saħansitra jibqa' jara l-pornografija fil-kċina fuq il-computer.*

*Il-konvenuta tispjega wkoll li żewġha ma kienx jieħu interess fit-trobbija tat-tlett uliedhom, inkluż fl-edukazzjoni tagħhom, u kienet unikament hi li tieħu ħsieb lit-tfal fil-bżonnijiet edukattivi tagħhom."*

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba inkompatibilita' ċara ta' karattru u l-mod ħażin kif huma indirizzaw il-problemi li feġġew matul iż-żwieġ. Id-depożizzjonijiet ċitati jindikaw sewwa l-problemi li kellhom il-partijiet, l-aktar mill-aspett karatterjali tant li spiċċaw dejjem jiġġieldu b'mod aħrax. Il-Qorti jidhrilha li f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa evidenti li l-partijiet ma kienux addattati biex jgħixu flimkien.

Illi għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-partijiet t-tnejn għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu ġo *'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* **("Caterina Agius**

**vs Benedict Agius"** deċiża mill-Prim Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).

Illi madankollu l-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali li l-problemi fiż-żwieġ bejn il-partijiet komplew jikbru meta l-attur beda jiffrekwenta lill-persuna msemmija fir-relazzjoni peritali u għalhekk għalkemm kif irrelatat l-istess perit legali, ma hemmx prova konklussiva ta' adulterju, dan irendi lill-attur ċertament ħati ta' nġurji gravi skond il-liġi, u kwindi l-Qorti se taddossa tliet kwarti mit-tort lilu. Dan naturalment imbagħad ikun rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**KURA U KUSTODJA**
Illi matul il-proċeduri l-konvenuta ġiet mogħtija l-kura u kustodja tal-minuri u ma jidhirx li hemm xi raġuni biex dan l-istat ta' fatt jinbidel. Issa baqa' biss iż-żgħir F li huwa minorenni u l-Qorti se tordna li d-digriet fir-rigward tiegħu jibqa' viġenti anke fejn jirrigwardja l-aċċess.

**MANTENIMENT**
Illi għandu jingħad illi l-Qorti fl-istadju bikri tal-proċeduri ordnat il-ħlas ta' manteniment ta' mitt Euro (€100) fix-xahar għall-konvenuta, u mija u ħamsin Ewro (€150) fix-xahar għall-minuri. Il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi li jwasslu għal bdil f'dan l-ammont ħlief għall-fatt li l-konvenuta jkollha tfittex post alternattiv fejn toqgħod ma' binha, u għalhekk se żżid l-ammont li għandu jitħallas għall-manteniment tagħha għal mitejn u ħamsin Ewro (€250); il-minuri għadu l-iskola u għalhekk dan il-ħlas ikun dovut sa kemm jagħaq 23 sena jew meta jibda jaħdem bi qliegħ, skond liema minnhom tiġi l-ewwel. Fil-fehma tal-Qorti ma jirriżultawx l-estremi biex tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn dan id-dritt skond l-artikoli 48 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili. Hemm biżżejjed provi pero' biex tilqa' t-talba fil-konfront tal-attur.

**PROPRJETA'**
**(Beni immobbli**)

Illi d-dar matrimonjali hija l-unika immobbli illi ssemmiet fil-kawża iżda kif sewwa rrelatat il-perit legali din hija parafernali tal-attur għaliex akkwistaha fl-1984. Saru pero' benefikati fiż-żwieġ u kif jidher mir-rapport tal-A.I.C. Godwin Abela (li l-partijiet qablu fuq in-nomina tiegħu) dawn kienu jammontaw għal €84,698 u allura l-konvenuta għandha tirċievi mingħand l-attur nofs dan l-ammont, ossija **€42,349**.

**(Beni mobbli)**
Illi kwantu għall-beni immobbli l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali, u ċjoe' illi:

*"Rigward il-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali, jirriżulta li l-maġġoranza tal-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali xtrathom il-konvenuta. Dan il-punt huwa maqbul miż-żewġ partijiet. Issir referenza għal punt 36 tal-affidavit tal-attur, u punt 112D tal-affidavit tal-konvenuta, kif spjegat preċedentement.*

*Jirriżulta wkoll li hemm mobbli li huma parafernali fil-konfront taż-żewġ partjiet u dawn huma:*

***Mobbli parafernali tal-attur li jinsabu fid-dar matrimonjali***
*Mera tas-senduq*
*Tlett putruni*
*Erba' inkwadri*
*Fanal antik*
*Stereo*

*Hija l-umli fehma tal-Perit Legali li l-attur għandu jiġi assenjat dawn il-mobbli hawn premessi, stante li ma jirriżultax kontestazzjoni bejn il-partijiet li dawn il-mobbli ma humiex parafernali tal-attur,*

***Mobbli parafernali tal-konvenuta li jinsabu fid-dar matrimonjali***
*Il-kċina*
*Kamra tas-sodda ta' D*

*Kompjuter li jużaw it-tfal*
*Is-sufan.*

*Illi jiġi rilevat li l-konvenuta tagħmel referenza fl-affidavit tagħha (punt 112D) li "l-proprjeta parafernali tagħha tikkonsisti f'dak kollu li hemm illum-il ġurnata fid-dar matrimonjali" (għajr dawk speċifikati hawn fuq) iżda ma tipprovdix elenku dettaljat tal-konsistenza ta' din il-proprjeta'.*

*Da parti tiegħu, l-attur fl-affidavit tiegħu, paragrafu 36, jispeċifika:*

*"oġġetti mobbli ħafna minnhom xtrathom hi. Kamra tas-sodda, spare bedroom u kamra tal-pranzu xtrathom hi qabel iż-żwieġ. Salott inxtara fiż-żwieġ, kif ukoll il-wall unit. Kċina konna neħħejniha li kellna u konna xtrajna oħra ġdida. L-oġġetti mobbli kollha nxtraw fiż-żwieġ.*

*Għaldaqstant, in vista tad-dikjarazzjonijiet hawn premessi, l-konvenuta għandha tiġi assenjata l-kamra tas-sodda ta' D, il-kompjuter li jużaw it-tfal, u l-kamra tal-pranzu."*

**KONTIJIET BANKARJI U DJUN MAL-BANEK U ASSENJAZZJONI TA' VETTURI**

Illi fir-rigward ta' dan il-Qorti wkoll fliet ir-rapport tal-perit legali u ma ssibx illi għandha żżid miegħu. Fil-fatt fl-istess rapport jingħad illi:

*"Mill-provi jirriżulta li hemm is-segwenti kontijiet mal-Bank of Valletta plc, u dawn huma s-segwenti:*

***Bank of Valletta ___-__________*** *(omissis) – kont intestat f'isem il-konvenuta*

*Tlett kontijiet oħrajn, li huma tat-tfal, u li jinsabu f'isem il-konvenuta, dawn huma:*

***Bank of Valletta*** ___-___________ *(omissis) - D B*

***Bank of Valletta Teen Savers*** ___-___________ *(omissis) - E B*

***Bank of Valletta Young Savers*** ___-__________ *(omissis) -F B*

*Rigward il-kont Bank Of Valletta ___-___________ (omissis) f'isem D B u l-kont Bank Of Valletta Teen Savers ___-___________ (omissis) f'isem E B, stante li dawn il-kontijiet huma tat-tfal, u illum-il ġurnata D u E aħwa B laħqu l-eta' maġġorenni, dawn il-kontijiet għandhom ikunu proprjeta' tal-istess D u E aħwa B.*

*Rigward il-kont Bank Of Valletta ___-___________ (omissis) intestat fuq il-konvenuta, u l-kont Bank Of Valletta Young Savers ___-___________ (omissis), għan-nom ta' F B, dawn għandhom ikunu amministrati esklussivament mill-konvenuta.*

*Mill-provi jirriżulta li l-partijiet għandhom is-segwenti dejn:*
*HSBC Overdraft facility enumerata ___-___________ (omissis) (li qabel kien iġib in-numru ___-__________-___(omissis).*

*HSBC Self kont numru ___-__________-___ – li kien ittieħed sabiex jinxtara truck Isuzu Elf 250 targat ___-___ (omissis) – liema truck inxtara fis-sena 2005.*

*HSBC Self kont numru ________ (omissis) – self li kien ħareġ f'isem l-attur qabel iż-żwieġ sabiex titlesta d-dar.*

*Jirriżulta li rigward l-overdraft, meta nqala' l-nkwiet bejn il-partijiet, ma baqgħux isiru depożiti f'dan l-overdraft, u għalhekk il-bank HSBC ħa l-passi relattivi kontra l-partijiet, għall-ħlas tal-overdraft u għall-ħlas tas-self fuq it-truck.*

*In segwitu għal proċeduri li ħa l-bank HSBC, jirriżulta li l-konvenuta tiddikjara fl-affidavit tagħha (punt 108) li hija kienet effetwat pagamenti anke bl-għajnuna tal-ġenituri tagħha, liema*

*pagamenti jammontaw għal €2,911.69c (elfejn disa' mija u ħdax-il Ewro, u disgħa u sittin ċenteżmu). Dan il-pagament kumplessiv ġie maqsum hekk:*

*€1,535.23 (elf, ħames mija u ħamsa u tletin Ewro, u tlieta u għoxrin ċenteżmu) għal kont tal-overdraft, u*

*€1,376.46 (elf, tlett mija u sitta u sebgħin Ewro, u sitta u erbgħin ċenteżmu) għal kont tas-self tat-truck.*

*Għalhekk, in vista tal-pagamenti li ġew amministrati mill-konvenuta rigwardanti dan is-self, jirriżulta li hija għandha kreditu fl-ammonti hawn stipulati. Għaldaqstant, il-Perit Legali hija tal-fehma li l-partijiet filwaqt li għandhom jiġu dikjarati li jħallsu l-ammonti attwali fuq il-kontijiet intestati mal-bank HSBC enumerati ___-_________-___ (omissis) (overdraft) u ___-_________-___ (omissis), il-konvenuta għandha dritt għal kreditu fl-ammont ta' €767.61 (seba' mija u sebgħa u sittin Ewro, u wieħed u sittin ċenteżmu) kif ukoll l-ammont ta' €688.23 (sitt mija u tmienja u tmenin Ewro, u tlieta u għoxrin ċenteżmu) mingħand l-attur, rappreżentanti l-pagamenti li ġew amministrati mill-konvenuta.*

*Jirriżulta li hemm żewġ vetturi fil-komunjoni tal-akkwisti, u dawn huma s-segwenti:*

*Skoda Favorit Comfort targata ___-___ (omissis), li tiswa madwar €1,514 (elf, ħames mija u erbatax-il Ewro), li ma hemmx dejn fuqha, u*

*Vann Isuzu (Truck) targat ___-___ (omissis), li fadal bilanċ ta' dejn fuqu mal-bank HSBC.*

*Il-valur ta' dan it-trakk huwa fl-ammont ta' €9,433 (disat elef, erba' mija u tlieta u tletin Ewro).*

*Illi in vista tal-pagamenti in eċċess li l-konvenuta għamlet fuq il-kontijiet tal-HSBC kif premess, ikun idoneju li r-rimanenti bilanċ pagabbli fuq it-trakk jiġi mħallas mill-attur, u l-attur jiġi assenjat il-vetturi Skoda Favorit Comfort targata ___-___ (omissis)u l-Vann Isuzu (Truck) targat ___-___ (omissis).*

Madankollu s-self mal-HSBC [kont _____________ *(omissis)*] li ħareġ l-attur qabel ma żżewweġ għandu jibqa' jħallsu hu.

**ID-DAR MATRIMONJALI**

Illi l-Qorti jkollha tgħid illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma tħossx li jeżistu l-estremi biex tordna lill-attur joħroġ mid-dar li hija fuq kollox proprjeta' tiegħu. Tifhem pero' l-problema li jkollha l-konvenuta biex issib post alternattiv fejn toqgħod iżda mhux il-kompitu tal-Qorti tara *oltre* l-kawża li jkollha quddiemha u tiddeċidiha skond il-provi li jkollha u skond il-liġi. Ma tistax lanqas *'ut sic'* tilqa' t-tmien talba tagħha għaliex ma hux provdut fil-liġi.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talbiet tal-attur:**

1. **Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti minħabba inkompatibbilta' ta' karattru b'dan li taddebita tlett kwarti tat-tort lill-attur u kwart lill-konvenuta, u tawtorizżahom jgħixu separatament minn xulxin;**

2. **Tiċħad it-tieni talba b'dan li d-digriet tat-7 ta' Novembru 2008 jibqa' *in vigore* u parti integrali minn din is-sentenza ħlief għall-manteniment dovut lill-konvenuta għaliha stess;**

3. **It-tielet talba hija koperta b'dak li ssemma fir-rigward tat-tieni talba;**

4. **Tiċħad ir-raba' talba;**

5. **Tilqa' l-ħames talba u dan skond kif ġja' ssemma fil-partijiet intestati *Proprjeta' (beni immobbli u beni mobbli)* u *kontijiet bankarji, vetturi u djun mal-banek*; għal kull *buon fini* tordna lill-attur iħallas lill-konvenuta għar-raġunijiet fuq spjegati s-somma ta' tnejn u erbgħin elf, tliet mija u disgħa u erbgħin Ewro (€42,349), u s-somom ta' seba' mija u sebgħa u sittin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€767.61) u sitt mija u tmienja u tmenin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€688.23) fi żmien xahar; kontijiet bankarji oħra kif ukoll, bonds, poloz ta' assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f'Malta kemm f'isem il-partijiet waħedhom jew konġuntivament għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejniethom;**

6. **Kwantu għas-sitt talba, tiddikjara l-proprjeta' msemmija bħala parafernali tal-attur u kwindi huwa intitolat jgħix esklissivament fiha;**

**Illi kwantu għall-kontro-talba tal-konvenuta l-Qorti tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba għar-raġunijiet ġja' espressi;**

2. **Tilqa' t-tieni talba fir-rigward tal-minuri F kif ġja' msemmi;**

3. **Tordna lill-attur iħallas manteniment ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar lill-konvenuta għaliha stess u mija u ħamsin Ewro (€150) oħra fix-xahar għall-minuri F sakemm dan jimpjega ruħu jew jagħlaq it-23**

**sena skond liema ċirkostanza mit-tnejn tavvera ruħha l-ewwel;**

4. **Tilqa' raba' talba;**

5. **Tilqa' l-ħames talba kif ġja' msemmi;**

6. **Tiċħad is-sitt talba;**

7. **Tilqa' s-seba' talba kif (ġja' ġie deċiż fid-deċiżjoni dwar il-ħames talba tal-attur);**

8. **Tiċħad it-tmien talba billi din hija nfondata fil-liġi.**

**L-ispejjeż tal-kawża (inkluż il-kontro-talba) għandhom ikunu sopportati kwantu għal tlett kwarti mill-attur u kwart mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |